**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**17 ta' Jannar 2022**

**Rikors Numru 53/2020**

**L-Avukat Dottor Massimiliano sive Massimo Vella u martu l-Avukat Dottor Gabrielle Buttigieg**

**Vs**

**Il-Kunsill Lokali San Ġwann u b'digriet tat-28 ta' Settembru 2020 ġiet kjamata in kawża l-Awtorita` għat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ippreżentat mill-**Avukat Dottor Massimiliano sive Massimo Vella u martu l-Avukat Dottor Gabrielle Buttigieg** fit-13 ta' Lulju 2020 li permezz tiegħu ppremettew is-segwenti:

"

1. *Illi l-esponenti huma l-proprjetarji tal-fond tnejn u sebgħin (72), Triq Wied Għollieqa, Kappara, San Ġwann liema fond huwa r-residenza privata tagħhom.*

2. *Illi l-imsemmi fond huwa kopert b'permess għall-iżvilupp maħruġ mill-Awtorità tal-Ippjanar, bin-numru ta' referenza PA/03549/17 u liema fond għandu żewġ entraturi, ossia waħda li tagħti għal garage formanti parti mill-istess fond u l-oħra li hija driveway li fiha tista' tiġi parkeġġata vettura (vide anness Dok. 'MV1').*

3. *Illi fis-sajf tas-sena 2019, wara li nħareġ l-imsemmi permess għall-iżvilupp, il-Kunsill Lokali intimat, fuq talba tal-esponenti, kien għamel*

*il-linji sofor meħtieġa sabiex vetturi ta' terzi ma jkunux jistgħu jostakolaw il-passaġġ liberu għall-imsemmija driveway.*

4. *Illi fis-27 ta' Jannar 2020, rappreżentanti tal-Kunsill Lokali intimat b'mod għal kollox illegali u abbużiv, mingħajr l-ebda notifika jew konsultazzjoni mal-esponenti, biddlu l-marki stradali u ħolqu post għall-parkeġġ ta' vetturi li jostakola l-aċċess veikolari għall-imsemmija driveway.*

5. *Illi tali aġir huwa għal kollox illegali u ultra vires, oltre li jammonta għal vjolazzjoni tad-dritt fondamentali tal-esponenti li jgawdu l-proprjetà tagħhom hekk kif inhi koperta bl-imsemmi permess għall-iżvilupp.*

6. *Illi l-esponenti interpellaw verbalment lill-Kunsill Lokali intimat sabiex jirreintegra l-marki sofor quddiem id-driveway tal-proprjetà tagħhom sabiex b'hekk jiġi ripristinat l-aċċess veikolari għall-istess, iżda il-Kunsill Lokali b'mod għal kollox illegali, abbużiv u ultra vires irrifjuta milli jagħmel hekk.*

7. *Illi fit-28 ta' Mejju 2020, l-esponenti ippreżentaw Protest Ġudizzjarju kontra l-Kunsill Lokali intimat, liema Protest Ġudizzjarju ġie notifikat lill-Avukat tal-Istat, u permezz ta' liema huma ġabu dana kollu premess a formali konjizzjoni tal-Kunsill Lokali intimat u filwaqt li interpellawh sabiex jirreintegra l-marki sofor quddiem id-driveway tal-proprjetà tal-esponenti sabiex b'hekk jiġi ripristinat l-aċċess veikolari għall-istess u fl-istess ħin poġġewh in dolo, mora, et culpa għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.*

8. *Illi minkejja li ġew debitament notifikati bl-imsemmi Protest Ġudizzjarju la l-Kunsill Lokali intimat u lanqas l-Avukat tal-Istat ma wieġbu għall-istess oltre li l-Kunsill Lokali intimat baqa' inadempjenti.*

9. *Illi għalhekk kellha tiġi istitwita din il-proċedura.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi l-esponenti jitolbu bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex:*

1. *Jiddikjara u jiddeċiedi illi d-deċiżjoni tal-Kunsill Lokali intimat, konsistenti fil-bdil tal-marki stradali b'mod li nħoloq post għall-parkeġġ ta' vetturi li jostakola l-aċċess veikolari għad-driveway tal-proprjetà tal-esponenti hija illegali u ultra vires, oltre li tammonta għal vjolazzjoni tad-dritt fondamentali tal-esponenti li jgawdu u jutilizzaw il-fond 72, Triq Wied Għollieqa, Kappara hekk kif inhu kopert bil-permess għall-*

*iżvilupp bin-numru ta' referenza PA/03549/17 u konsegwentement iħassar tali deċiżjoni.*

2. *Jordna lill-Kunsill Lokali intimat sabiex, entro terminu qasir u perentorju li dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jiffissa, jirripristina l-marki stradali għal dawk li kienu qabel ma ġiet implementata d-deċiżjoni attakkata permezz ta' din il-proċedura, ossia billi jneħħi l-marki stradali li jindikaw post għall-parkeġġ ta' vetturi li qed jostakola l-aċċess veikolari għad-driveway tal-proprjetà tal-esponenti u minflok jerġa' jagħmel mill-ġdid il-linji sofor meħtieġa sabiex vetturi ta' terzi ma jkunux jistgħu jostakolaw il-passaġġ liberu għall-imsemmija driveway.*

*Bl-ispejjeż a karigu tal-Kunsill Lokali intimat."*

Ra r-risposta tal-**Kunsill Lokali intimat** ippreżentata fit-13 ta' Awwissu 2020 li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti:
"

1. *Illi preliminarjament l-Kunsill eċċipjenti ma huwiex il-leġittimu kontradittur f'din il-kawża u għandu jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra l-atturi;*

2. *Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost it-talba tal-atturi hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 7 (2) tal-Kap 490 tal-Liġijiet ta' Malta fejn sakemm mhux indikat xorta oħra permezz ta' xi dispożizzjoini ta' xi liġi talba biex jiġu riveduti atti ta' amministrazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika taħt dan l-Att għandha tiġi preżentata **fi żmien sitt xhur** mid-data meta l-parti interessata ssir taf jew setgħet issir taf b'dak l-att amministrattiv, liema minnhom ikun l-aktar kmieni. F'dan il-każ kemm fir-rikors promotur u anke fid-dikjarazzjoni tal-fatti l-atturi ilmentaw li **fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019) l-Kunsill intimat biddel il-marki stradali u ħoloq post ta' parkeġġ ta' vetturi li jostakola l-aċċess veikolari.** Dawn il-proċeduri bdew ferm wara s-sitt (6) xhur terminu perentorju għall-preżentata ta' xi talba quddiem dan it-Tribunal;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-mertu jiġi dikjarat illi l-Kunsill ma ħa ebda deċiżjoni u wisq inqas eżegwixxa xi deċiżjoni jew għamel xi xogħlijiet fit-triq in kwistjoni;*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u dejjem fil-mertu deċiżjonijiet dwar parkeġġ fit-toroq kif ukoll l-installazzjoni jew tneħħija ta' sinjali fit-toroq ma hijiex fil-kompetenza legali tal-Kunsill eċċipjenti iżda biss fl-Awtorita` għat-Trasport f'Malta;*

5. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."*

   *Għaldaqstant, għar-raġunijiet permessi, l-esponenti jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jogħġobha tiċħad it-talbiet ta' l-attur fl-intier tagħhom bl-ispejjeż kollha kontra tiegħu."*

   Ra illi permezz ta' digriet datat 28 ta' Settembru 2020 ġiet kjamata in kawża l-Awtorita` għat-Trasport f'Malta;

   Ra r-risposta tal-**Awtorita` għat-Trasport f'Malta** ippreżentata fl-20 ta' Novembru 2020 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:-

   "

   1. *Illi l-Awtorita' qiegħda tippreżenta r-risposta tagħha sabiex tottempora ruħha mal-verbal tat-28 ta' Settembru tas-sena 2020, fejn l-istess Awtorita' ġiet imsejjħa bħala kjamat in kawża;*

   2. *Illi preliminarjament, it-talba tal-atturi hija waħda preskritta stante li skont is-sub-artikolu 2 tal-Artikolu 7 tal-Att Dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta, tali azzjoni kellha tiġi istitwita fi żmien sitt xhur mid-data ta' meta l-parti nteressata qua l-atturi saru jafu b'dak l-att amministrattiv. Illi skont id-dikjarazzjoni tal-atturi stess, l-allegat sinjal tal-parkeġġ (kaxxa safra) ġew imneħħija f'Jannar tal-2019 u l-proċeduri odjerni ġew intavolati quddiem dan l-Onorabbli Tribunal f'Awwissu tas-sena 2020;*

   3. *Illi mingħajr preġuddizzju għas-suespost, l-atturi stess qegħdin jiddikjaraw li kienu l-ħaddiema tal-Kunsill Lokali u mhux tal-Awtorita' in kwistjoni li b'mod abbużiv u llegali neħħew il-kaxxa s-safra u minflok għamlu kaxxa oħra bajda;*

   4. *Illi l-Awtorita' in kwistjoni qatt ma ġiet a konjizzjoni ta' ilment, la min-naħa tal-Kunsill Lokali ta' San Ġwann u lanqas mingħand l-atturi, sabiex tiġi rranġata l-kaxxa tal-parkeġġ li hemm quddiem ir-residenza tal-atturi;*

   5. *Illi għalkemm l-Awtorita' hija responsabbli sabiex isiru/jew jittneħħew sinjali tat-traffiku mit-toroq , l-istess Awtorita' ma tista' qatt tinstab ħatja li marret kontra l-obbligi tagħha u kisret xi dritt fundamentali tal-atturi stante li qatt ma kien hemm talba formali lejn l-istess Awtorita' f'dan ir-rigward;*

   6. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Għaldaqstant u in vista tas-suespost, it-talbiet tal-atturi għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom."*

Ra n-Noti ta' Sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li r-rikors ġie mħolli għal-lum għas-sentenza finali.

**Ikkunsidra:**

Illi l-għemil amministrattiv lamentat mir-rikorrenti huwa t-tneħħija ta' marki sofor quddiem *driveway* tal-proprjeta` residenzjali tagħhom, liema marki kienu magħmula fl-2019 fuq talba tar-rikorrenti lill-Kunsill Lokali intimat. Illi r-rikorrenti jisħqu li dan l-aġir seħħ mingħajr ebda konsultazzjoni magħhom u b'mod għal kollox illegali u abbużiv stante li issa sfaw ma jistgħux idaħħlu l-vettura tagħhom fid-*driveway*.

Illi r-**rikorrent Dr. MassimilianoVella** xehed illi wara li ġab il-permessi mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar fir-rigward tad-*driveway* kienu saru linji sofor quddiem l-istess *driveway* biex ma jkunx hemm ostakolu għad-dħul u ħruġ ta' vetturi. Pero`, f'Jannar 2020 il-linji sofor ġew mibdula b'kaxxa bajda u għalhekk ma setax jibqa' juża d-*driveway* peress li diġa' bdiet tiġi ostakolata mill-vetturi. Jispjega li meta kellem lill-uffiċjali tal-Kunsill intimat dawn infurmawh li kienu neħħew il-linji sofor għaliex skont huma id-*driveway* ma tistax tintuża għax ma tistax tidħol vettura. Jispjega li dan mhu minnu xejn u fil-fatt esebixxa ritratt li juri vettura fid-*driveway*. Jispjega illi huwa kien bagħat l-istess ritratt lill-Kunsill li pero` baqa' ma ħa l-ebda pass biex jerġgħu jsiru l-linji sofor.

Ir-rikorrent spjega wkoll illi biex ikollu aċċess għad-*driveway* mingħajr ma joħloq ostakolu lil min irid juża l-bankina b'xi *puschair*, huwa għamel rampa tal-injam li jużaha skont il-ħtieġa. Dwar dan ir-rikorrent ppreżenta ritratt li jinsab esebit a fol. 99.

In kontro-eżami ir-rikorrent xehed illi meta huwa għamel it-talba tiegħu lill-Kunsill sabiex isiru l-linji sofor ħadd ma infurmah li kien indirizza t-talba tiegħu ħażin.

**Kurt Guillaumier**, Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali intimat, xehed illi l-Kunsill kien għamel kaxxa safra pero` meta ra li ma sar l-ebda garaxx reġgħet saret kaxxa bajda. Jispjega li ma sar l-ebda garaxx fis-sens illi ma kienx hemm aċċess għal karozza għax kien hemm tarġa ta' tmien pulzieri. Mistoqsi min ħa d-deċiżjoni biex il-kaxxa terġa' tinżebagħ bajda ix-xhud

wieġeb li d-deċiżjoni kien ħadha hu u dan peress li hu ppretenda li r-rikorrenti kellhom ibiddlu l-entratura tad-*driveway* biex tkun tista' tidħol vettura.

**Trevor Fenech,** Sindku tal-Kunsill Lokali intimat, xehed illi r-rikorrent kien urih li se jkun hemm *drive in* pero` dan ma sarx u allura l-linji sofor reġgħu inżebgħu bojod.

**Thomas Debono,** *Manager* mal-Awtorita` kjamata in kawża, spjega illi l-proċedura biex isiru linji sofor ġewwa triq hija li l-persuna interessata tapplika mal-Kunsill fuq formoli li l-istess Awtorita` kienet bagħtet lill-Kunsilli. Jgħid li fuq dan il-każ partikolari ma ġiet sottomessa l-ebda applikazzjoni mill-Kunsill Lokali intimat. Qal li meta jkun hemm *driveway* skont kif approvata mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar b'avviż ta' "Garage No Parking" l-Awtorita` toħroġ l-approvazzjoni tagħha u tibgħatha lill-Kunsill għall-implimentazzjoni, u cioe` biex jagħmel *double yellow lines*.

**Ikkunsidra:**

It-Tribunal se jibda billi jindirizza eċċezzjoni komuni tal-Kunsill Lokali intimat u tal-Awtorita` kjamata in kawża, u cioe` l-eċċezzjoni illi t-talba hija preskritta ai termini tal-artikolu 7 (2) tal-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi l-kaxxa in kwistjoni inżebgħet bajda fis-27 ta' Jannar 2020. Minn dakinhar bdew jiddekorru sitt (6) xhur entro liema r-rikorrent seta' jressaq azzjoni quddiem dan it-Tribunal. Kwindi t-terminu perentorju kien jiskadi fis-27 ta' Lulju 2020. Jirriżulta illi din l-azzjoni tressqet fit-13 ta' Lulju 2020 u kwindi l-azzjoni ma jirriżultax li hi preskritta. Kwindi din l-eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda.

Illi t-Tribunal se jdur fuq l-ewwel eċċezzjoni tal-Kunsill Lokali intimat fejn eċċepixxa li mhux il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri. Illi mill-provi jirriżulta illi kien proprju s-Segretarju Eżekuttiv li ħa d-deċiżjoni li l-linji sofor jerġgħu jinżebgħu bojod. Illi naturalment is-Segretarju Eżekuttiv ma aġixxiex f'ismu personali pero` qua Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali intimat. Kwindi d-deċiżjoni amministrattiva ttieħdet mill-Kunsill Lokali intimat u huwa jrid jirrispondi għaliha. Kwindi din l-eċċezzjoni qiegħda tiġi wkoll miċħuda.

Illi l-istess argumenti huma validi għat-tielet eċċezzjoni tal-Kunsill Lokali intimat. Filwaqt li f'din l-eċċezzjoni jgħid li ma ħa ebda deċiżjoni u wisq inqas esegwixa xi deċiżjoni jew għamel xi xogħlijiet fit-triq in kwistjoni, mix-xhieda tas-Segretarju Eżekuttiv jirriżulta xort'oħra. Irriżulta li kienet deċiżjoni diretta tas-Segretarju Eżekuttiv li wasslet biex il-linji sofor jerġgħu jinżebgħu bojod u dan għar-raġunijiet li ġew elekati iktar 'il fuq.

Illi l-aħħar eċċezzjoni tal-Kunsill Lokali intimat hija li deċiżjonijiet dwar parkeġġ fit-toroq ma hijiex ta' kompetenza legali tal-Kunsill iżda tal-Awtorita` għat-Trasport f'Malta. Illi filwaqt li skont ma' xehed l-uffiċjal tal-Awtorita` għat-Trasport f'Malta dan huwa minnu, il-Kunsill għażel li jinjora dan kollu u aġixxa daqs li kieku għandu s-setgħa li jagħmel dak li għamel għal darba darbtejn. Kwindi huwa biss il-Kunsill Lokali intimat li jrid iwieġeb għall-aġir tiegħu. Dan l-aġir kien wieħed għal kollox arbitrarju għaliex mingħajr ebda konsultazzjoni qabad u reġa' żebagħ kaxxa b'linji bojod biex b'hekk ostakola l-aċċess liberu għall-vetturi tar-rikorrenti għal ġod-*driveway* tagħhom. Jekk l-uffiċjali tal-Kunsill Lokali intimat kellhom xi dubju dwar jekk ir-rikorrenti kinux jistgħu idaħħlu l-vetturi tagħhom fid-*driveway* kull ma kellhom jagħmlu kien li jikkonsultawhom u jivverifikaw kif dan kien qiegħed isir. Kif ġie ampjament ippruvat, ir-rikorrenti biex ma jisfigurawx il-bankina kienu qegħdin jieħdu l-iżbriga li jarmaw rampa tal-injam kull darba li riedu jdaħħlu l-vettura tagħhom fid-*driveway*. B'dan il-mod il-bankina setgħet titħalla mhux mittiefsa sabiex ma jinħoloqx inkonvenjent għal min ikun qiegħed jużaha. Dan il-metodu huwa ferm awspikabbli milli tintmess il-binja tal-bankina. Madanakollu, mingħajr ma talab spjegazzjoni ta' xejn u bla ebda verifika ulterjuri, is-Segretarju Eżekuttiv kien tal-opinjoni li vettura ma tistax tidħol fid-*driveway* u għalhekk arbitrarjament ta struzzjonijiet biex terġa' tinżebagħ kaxxa bajda quddiem l-istess *driveway*.

Illi t-Tribunal huwa tal-opinjoni illi dan l-aġir ma jirriflettix amministrazzjoni pubblika tajba. L-inqas ħaġa li setgħet issir fiċ-ċirkostanzi huwa li jingħata avviż lir-rikorrenti u mhux iqumu filgħodu u jsibu li l-aċċess li kellhom ġie ostakolat. Kieku ngħataw avviż kien ikollhom l-opportunita` biex jispjegaw il-mod kif kienu qed idaħħlu l-vetturi fid-*driveway* u b'hekk is-Segretarju Eżekuttiv kien iserraħ moħħu li d-*driveway* kienet qiegħda tintuża skont il-permess approvat mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar. Filwaqt li t-Tribunal jifhem id-diversi pressjonijiet li Kunsill Lokali jista' jkollu mir-residenti, speċjalment fejn tidħol il-kwistjoni tal-parkeġġ, dan m'għandux iwassal biex jittieħdu deċiżjonijiet mingħajr ebda konsultazzjoni ta' xejn bl-iktar mod arbitrarju.

Illi fir-rigward tal-eċċezzjonijiet l-oħra mressqa mill-Awtorita` kjamata in kawża it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-istess Awtorita` m'għandhiex tirrispondi għall-aġir tal-Kunsill Lokali intimat stante li dan qatt ma infurmaha jew ikkonsultaha b'dak li kien beħsiebu jagħmel.

Illi fir-rigward ta' spejjeż ta' dawn il-proċeduri, it-Tribunal se jkun qiegħed jakkollahom lill-Kunsill Lokali intimat stante li fit-tielet eċċezjoni tiegħu

huwa eċċepixxa li ma kellu x'jaqsam xejn ma' din il-kwistjoni u kien għalhekk li ġiet imsejjħa fil-kawża l-Awtorita` għat-Trasport f'Malta. Madankollu mill-provi rriżulta l-kuntrarju. Għaldaqstant il-Kunsill Lokali intimat għandu jwieġeb ukoll għall-ispejjeż tal-Awtorita` kjamata in kawża.

Illi finalment it-Tribunal jirrileva illi huwa għandu l-kompetenza biss li jannulla dak li sar mill-Kunsill Lokali intimat, u cioe` d-deċiżjoni biex tinżebagħ il-kaxxa bajda. It-Tribunal m'għandhux kompetenza la li jordna li jerġgħu isiru l-istess linji sofor li kien hemm fit-triq in kwistjoni sabiex ir-rikorrenti jkunu jistgħu jerġgħu jużaw id-*driveway* u lanqas sabiex jiddikjara li l-aġir tal-Kunsill intimat jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-dritt fondamentali tagħhom li jgawdu l-proprjeta` tagħhom. Madankollu dan it-Tribunal jawspika li minkejja li ma jistax jagħmel tali ordnijiet, l-awtoritajiet pubbliċi isegwu dak enunċjat f'din is-sentenza sabiex tiġi rimedjata din is-sitwazzjoni li ħolqot preġudizzju għar-rikorrenti.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq esposti u fil-limiti ta' dak hawn fuq enunċjat, qiegħed:

1. jilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u għaldaqstant jannulla d-deċiżjoni appellata sabiex quddiem id-*driveway* tal-fond 72, Triq Wied Għollieqa, Kappara tinżebagħ b'linji bojod;
2. jiċħad it-tieni talba;
3. jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-Kunsill Lokali intimat,
4. jiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-Awtorita` kjamata in kawża u jilqa' l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha tal-istess Awtorita`.

Bl-ispejjeż kontra l-Kunsill Lokali intimat.

**Maġistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**